MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 580/2002

**Avviz numru 580/02DM**

**George Muscat**

**Vs**

**Philip Attard**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut sabiex dan jizgombra fi zmien qasir u perentorju li din il-Qorti joghgobha tiffissa mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Qanfud', jew drabi ohra maghrufa bhala 'tal-biccerija', li tinsab fil-limiti ta' Haz-Zebbug, Malta, proprjeta tal-attur u dan peress illi l-konvenut qieghed jokkupa l-imsemmija ghalqa minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ghall-finijiet ta' kompetenza biss l-attur jiddikjara li l-valur lokatizzju tal-ghalqa in kwistjoni ma jeccedix hamsa u ghoxrin lira Maltin fis-sena u ddikjara illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat jizgombra mill-istess ghalqa diversi drabi, kemm bil-fomm, kif ukoll bil-miktub, il-konvenut baqa inadempenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Inoltre l-attur irriserva kull azzjoni ghal danni jew kumpens mod iehor ikkagunat lilu bl-okkupazzjoni llegali tal-ghalqa da parti tal-konvenut, u ghall fini ta' kompetenza l-kera hu ta' Lm20 fis-sena.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat msejjah tlett (3) darbiet ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet lill-attur bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz jizgombra mill-ghalqa maghrufa bhala 'Tal-Qanfud' jew 'tal-biccerija' li tinsab fil-limiti ta' Haz-Zebbug, Malta, proprjeta tal-attur u ghall fini tal-izgumbrament qed tipprefiggi t-terminu ta' hmistax il-jum mill-lum;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magt Dr D. Montebello BA LLD